MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2007

Numru. 541/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**V**

**Salem Sahban S. Abbadi ta’ 25 sena bin Shaban u Selma mwieled Tripoli, Libja fit-8 ta’ Frar, 1979, u li joqghod fl-indirizz “Mikson”, Flat 3, Triq Fejgel, Rabat, passaport numru H641883 mahrug fil-21/09/2002**

**Clifford Camilleri ta’ 20 sena bin Lawrence U Madlene nee Farrugia, imwieled Pieta’ fil-18/11/1983, u li joqghod fl-indirizz 10, Hunter Valley, Triq Swatar, Swatar, Msida detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 587083 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Salem Shaban S. Abbadi u Clifford Camilleri li gew akkuzati talli fil-25 ta' Gunju, 2004 u fil-gimghat precedenti fil-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAE-196 tal-marka Cortina li tiswa' aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 ghad-detriment ta' Hassan Yousef El Asrag, liema serq huwa kkwlifikat bil-valur u mix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, u cioe vettura numru EAE-196 mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat. Jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu din il-vettura.

Lil Salem Shaban S. Abbadi wahdu talli:

Fl-istess cirkostanzi ghamel uzu minn vettura EAE-196 meta ma kienx licenzjat mill-awtorita' kompetenti u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur ghar-riskji ta' terzi persuni.

Lil Clifford Camilleri wahdu talli:

Talli b'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-probation imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Kif ukoll sar recidiv ghat-termini tal–artikoli 49 u 50 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2004 saret is-separazzjoni tal-gudizzju u ghalhekk din **is-sentenza hija biss fir-rigward ta' Clifford Camilleri.**

Rat li Clifford Camilleri ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll li fl-interrogatorju wiegeb li ma kienx hati ta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat pero' illi fi stadju matur ta' dawn il-proceduri ntalab ukoll li jigi redatt social enquiry report Dok NC.

Rat il-provi kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi x-xhieda migjuba f'din il-kawza hija dik ta' tliet ufficjali tal-pulizija li ntercettaw lil Camilleri gewwa l-vettura mertu tar-reati in dizamina. Fil-fatt Clifford Camilleri kien mal-vettura jaghtih il-fuel, metru wara l-isteering ta' l-istess kien hemm dak li originalment kien ko akkuzat ma' l-istess Camilleri qabel is-separazzjoni ta' gudizzju. Oltre dan ingab jixhed ukoll id-derubat ghalhekk sid il-vettura li xehed illi wara li kien xtara l-vettura in kwistjoni u halliha ma' terz biex jaghmillu l-VRT, gie nfurmat illi din kienet insterqet. Iddepona illi aktar tard kien ra l-vettura lejn Burmarrad misjuqa minn wiehed ginger twil ta' cirka ta' ghoxrin sena. Xehed li sussegwentement anke kellem lis-sewwieq tal-vettura. Mistoqsi jekk allura kienx jaf li l-imputat wiegeb "Dak li qed nitkellem fuqu mhux hawn. Jiena nafu cert ghax kellimtu." (folio 40).

Giet anke esebita l-istqarrija li rrilaxxa l-istess akkuzat fi stadju ta' invetsigazzjoni, fl-istess huwa ma indika ebda involviment fir-reati lilu addebitati ta' serq u ricettazzjoni fil-konfront ta' vettura.

Rat ukoll il-verbal a folio 116 fejn il-partijiet qablu illi l-akkuza ta' recidiva ghandha tigi njorata dan ghar-ragunijiet ovvji ta' zmien.

Ikkonsidrat

Illi frankament l-unika xhieda okulari migjuba kif gia esposta bl-ebda mod ma tipprezenta xi nexus bejn l-akkuzat u r-reati lilu addebitati fil-konfront tal-vettura. Fil-fatt il-prezenza tieghu fil-vettura li tipprova likien involut

fis-serq u lanqas fir-reat ta’ ricettazzoni in kwantu ma ngabet ebda prova tax-xjenza tal-provenjenza.

Illi ghaldaqstant nonostante dak sottomess mill-partijiet qed tillibera lil Clifford Camilleri mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------